REGOLAMENTI

REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/478

tal-14 ta' Jannar 2019

li jemenda r-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-kategoriji ta' kunsinni li jkunu soġġetti għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2017 dwar il-kontrolli uffiċjali u attivitajiet uffiċjali oħra mwettqa biex jiżguraw l-applikazzjoni tal-liġi tal-ikel u tal-għalf, ta' regoli dwar is-saħħa u t-trattament xieraq tal-annimali, dwar is-saħħa tal-pjanti u dwar prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 999/2001, (KE) Nru 396/2005, (KE) Nru 1069/2009, (KE) Nru 1107/2009, (UE) Nru 1151/2012, (UE) Nru 652/2014, (UE) 2016/429 u (UE) 2016/2031 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, ir-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 1/2005 u (KE) Nru 1099/2009 u d-Direttivi tal-Kunsill 98/58/KE, 1999/74/KE, 2007/43/KE, 2008/119/KE u 2008/120/KE, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 854/2004 u (KE) Nru 882/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, id-Direttivi tal-Kunsill 89/608/KEE, 89/662/KEE, 90/425/KEE, 91/496/KEE, 96/23/KE, 96/93/KE u 97/78/KE u d-Deċiżjoni tal-Kunsill 92/438/KEE ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 47(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jistabbilixxi qafas għal kontrolli uffiċjali u għal attivitajiet uffiċjali oħra biex jivverifika l-applikazzjoni korretta tal-liġi tal-Unjoni dwar l-ikel u l-għalf. Dak il-qafas jinkludi kontrolli uffiċjali mwettqa fuq annimali u merkanzija li jidħlu fl-Unjoni minn pajjiżi terzi.

(2) Ir-Regolament (UE) 2017/625 jeħtieġ li għal ċerti kategoriji ta' annimali u prodotti kull kunsinna tkun soġġetta għal kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera tal-ewwel wasla fl-Unjoni, minħabba r-riskju li dawk il-kategoriji ta' annimali u oġġetti jistgħu joħolqu għas-saħħa pubblika u għas-saħħa tal-annimali.

(3) Minbarra l-kategoriji ta' kunsinni li diġà huma elenkati fir-Regolament (UE) 2017/625, ikel li fih kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali (prodotti komposti), kif ukoll ħuxlief u tiben, jenħtieġ li jgħaddu minn kontrolli uffiċjali fil-postijiet ta' kontroll fuq il-fruntiera billi dawn ukoll jistgħu joħolqu riskju għas-saħħa pubblika u tal-annimali.

(4) Għalhekk, jenħtieġ li r-Regolament (UE) 2017/625 jiġi emendat skont dan.

(5) Billi r-Regolament (UE) 2017/625 japplika mill-14 ta' Diċembru 2019, jenħtieġ li dan ir-Regolament japplika wkoll minn dik id-data,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fl-Artikolu 47(1) tar-Regolament (UE) 2017/625, il-punt (b) huwa sostitwit b'dan li ġej:

"(b) prodotti li joriġinaw mill-annimali, prodotti ġerminali, prodotti sekondarji mill-annimali, ħuxlief u tiben u prodotti tal-ikel li jkun fihom kemm prodotti li joriġinaw mill-pjanti kif ukoll prodotti pproċessati li joriġinaw mill-annimali ("prodotti komposti")";

([1]) ĠU L 95, 7.4.2017, p. 1.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika mill-14 ta' Diċembru 2019.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-14 ta' Jannar 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER